**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1206/2024 MS*

**MMH Malta Limited**

**Vs.**

**Il-bastiment M/Y MESS**

Illum, 16 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-7 ta' Novembru 2024, li permezz tiegħu wara li ppremettiet dan li ġej:

> ILLI s-soċjetá esponenti topera l-faċilitá marittima magħrufa bħala il-*Mediterranean Maritime Hub*, fil-Port il-Kbir, il-Marsa, minn fejn toffri servizzi marittimi lill-opri tal-baħar li jinkludu l-irmiġġ (fil-baħar, jew fuq l-art), il-manutenzjoni, it-tiswija u t-tlugħ mill-baħar tal-opri tal-baħar, u sussegwentement l-inżul tagħhom lura fil-baħar.

ILLI f'Marzu tas-sena 2023, is-soċjetà rikorrenti ġiet avviċinata mis-Sur Baris Baygun li ppreżenta ruħu bħala s-sid tal-bastiment "M/Y MESS" li huwa rreġistrat taħt il-bandiera ta' l-Istat ta' Delaware fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, u għandu n-numru tar-reġistrazzjoni DL-3149-AL (ċertifikat anness u mmarkat Dok. **MMH.1**). Is-soċjetà rikorrenti intalbet tipprovdi numru ta' servizzi fuq dan il-bastiment, liema servizzi essenzjalment kienu jikkonsistu f'servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, kif ukoll servizzi ta' irmiġġ fuq l-art, u ċjoè 'hardstanding'. Is-servizzi ngħataw fl-intier tagħhom u bil-kwalità mistennija f'din is-sengħa – u fil-fatt is-soċjetà intimata qatt ma lmentat mas-soċjetà rikorrenti dwar il-kwalità tas-servizzi provduti jew xi mankanza oħra – peró is-soċjetá rikorrenti baqgħet ma tħallsitx għas-servizzi reżi minnha;

ILLI sal-lum is-somma dovuta lis-soċjetà rikorrenti hija ta' **sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sitt Eurocenteżmi (€37,249.06)**, hekk kif jirriżulta mill-'ProForma Invoice' anness u mmarkat Dok. **MMH.2**;

ILLI llum il-ġurnata il-bastiment intimat għadu *on the hard* fi stat ta' abbandun fil-*Mediterranean Maritime Hub*, u kwindi fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti; u s-soċjetà rikorrenti tgawdi minn pleġġ possessorju fuq l-istess bastiment ai termini ta' l-Art. 54(1) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta;

ILLI d-debitu ta' l-intimati huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-esponenti l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talba rikorrenti;

ILLI l-kreditu dovut lis-soċjetà attriċi huwa kreditu *in rem* ai termini ta' l-Art. 742B(o) u (p) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant din l-azzjoni qed issir direttament fil-konfront tal-bastiment intimat;

ILLI l-fatti indikati fil-paragrafi preċedenti ta' dan ir-rikors huma magħrufin lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tiegħu bħala direttur tas-soċjetà rikorrenti;

ILLI għaldaqstant jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha sabiex dina l-kawża tinstema' bid-dispensa mis-smiegħ, ai termini ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

għaddiet biex titlob lil din il-Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tilqa' t-talba tas-soċjetá rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikkjara illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' **sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sitt Eurocenteżmi (€37,249.06)** dovuta għar-raġunijiet suspjegati;

(iii) Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjetá rikorrenti is-somma ta' **sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sitt Eurocenteżmi (€37,249.06)**, u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-data tan-notifika ta' dawn l-atti, sad-data tal-pagament effettiv a tenur ta' l-Art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-bastiment intimat li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

2. Rat id-dokumenti li ġew eżebiti mal-istess rikors ġuramentat;

3. Rat li l-bastiment konvenut, għalkemm ġie debitament notifikat, ma deherx u lanqas ma deher ħadd biex jirrappreżentah;

4. Rat li l-kawża, li saret bil-proċedura sommarja speċjali, tħalliet għal-lum stess sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

5. Illi la darba l-bastiment konvenut ma deherx biex jikkontesta l-kawża fl-udjenza li nżammet wara n-notifika tiegħu, din il-Qorti għandha tipproċedi bil-kawża bid-dispensa tas-smigħ u billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi kif maħsub fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk maħsuba għall-mixi tal-proċedura sommarja speċjali.

6. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tgħaddi biex tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont l-artikoli 167 u 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sitt ċenteżmi (€37,249.06);

(iii) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sitt ċenteżmi (€37,249.06), u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-data tan-notifika ta' dawn l-atti, sad-data tal-pagament effettiv a tenur ta' l-Art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) tikkundanna lill-bastiment konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur